

Brussell, 17 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9898/25

UEM 240
ECB

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Deutsche Bundesbank

1. Skont l-Artikolu 27.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-kontijiet tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
2. Fit-2 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li Baker Tilly GmbH & Co. KG Wirtschaftsprüfungsgesellschaft jinħatru bħala l-awdituri esterni tad-Deutsche Bundesbank għas-sena finanzjarja 2027.
3. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' jistieden lill-Kunsill jadotta, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni rilevanti kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument ST 9899/25.